# Int

Justin Schembri

illum li nagħraf
il-forom kollha tiegħek,
nafek aktar minn kemm naħseb –

int li infilsajt ħsiebi
u ddur miegħi f'żifna dejjiema
bħal żewġ żingari ħielsa
jiżżeffnu mal-melodiji tal-mogħdijiet;

int li infiltrajt għadmi
u ssus miegħi f'mixja sawwiema
bħal żewġ nomadi għomja
jitterrqu maż-żigużajgi tad-dlamijiet;

nafek u nifhmek,
tbeżżagħni meta ttaqqalni
b'għata swidija li taqa' fi ħdani
u jkolli nilqgħek b'idejja jitriegħdu
meta nfittex l-imħabba

u naraha tittajjar
imbeżżgħa mill-ombra eklissata
tal-preżenza tiegħek
li tostorni u toftomni mill-ilwien
tar-relazzjoni.

U mbagħad nilħaq il-kompromess –
nintelaq għandek biex tħaddanni
ja solitudni
li sseffidt f'kull segmentazzjoni
meta sibtni niskanta
nkellem id-diżorjentazzjoni
li bqajt qatt ma fhimt.